MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 175/2003

**Rita Hatto ammessa ghal beneficcju tal-Ghajnuna Legali f'isimha u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Daniel.**

**vs**

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-P. L. Luisa Tufigno mahtura b'digriet tal-25 ta' April 2002 biex jidhru ghal Christopher Hatto li huwa nieqes minn Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Frar 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici, Rita Hatto u zewgha, Christopher Hatto izzewgu fil-21 ta' Ottubru 1989 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, Daniel, li llum ghandu disa` (9) snin;

Illi Christopher Hatto ilu li abbanduna lil martu, l-attrici, mill-1993, sahanstira meta hija kienet ghadha tqila bit-tifel, Daniel, biex imur jghix ma' mara ohra barra minn Malta b'mod li llum iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-attrici – ammessa ghall-beneficcju ta' l-Ghajnuna Legali skond id-Dok. "A" – tinsab awtorizzata biex tipprocedi b'din l-istanza bid-digriet 1756/2002 tad-9 ta' Ottubru 2002 tas-Sekond'Awla – Dok. "B".

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi, Rita u Christopher Hatto, minhabba adulterju, abbandun u mohqrija minn naha ta' Christopher Hatto u billi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri, Daniel, f'idejn l-attrici;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-attrici u ghal binha, Daniel.

4. Tawtorizza lill-attrici flimkien ma' binha Daniel biss – ad eskluzjoni ta' zewgha f'kaz li jigi lura – li tibqa' tghix fid-dar taz-zwieg.

5. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u zewgha, tillikwidaha, u tassenja lill-attrici s-sehem li jmiss lilha wara li jkunu applikati kontra Christopher Hatto, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16;**

6. Tikkomina t-telfien tad-drittijiet l-ohra kollha msemmija fl-istess **artikolu 48 tal-Kap 16** kontra Christopher Hatto.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti noe ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 6 ta’ Dicembru 2001 fejn talbet li tkun ammessa ghall-beneficcju gratuitu;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Mejju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-digriet tal-25 ta’ April 2002 fejn gew nominati Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 20 ta’ Frar 2003 fejn talbet li tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* ta’ binha minuri, Daniel;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Frar 2003 fejn it-talba giet michuda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, datata 4 ta’ April 2003 (a fol. 49) fejn gie eccepit:-

1. Illi l-attrici ghandha tigi ordnata tipprovdi l-indirizz, jekk tafu, ta’ l-assenti, Christopher Hatto.

2. Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 50 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti ta’ l-20 ta’ Mejju 2003; u ta’ l-14 ta’ Ottubru 2003;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 5 ta’ Dicembru 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha stess, ta’ Hilda Kitcher, Shirley Roznowski, Claire Welsh u Marie Welsh;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 3 ta’ Dicembru 2003 fejn talbet l-awtorizzazzjoni li ttella` lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jixhed;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 17 ta’ Dicembru 2003 fejn iddikjarat li taghzel li terga` tiehu kunjom xbubitha, cjoe` Kitcher;

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fid-29 ta’ Jannar 2004 fejn xehed l-Ispettur Abraham Zammit;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Mejju 2004;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 18 ta’ Marzu 2004 fejn talbet li tipprezenta affidavit ulterjuri;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li tigi ddikjarata s-separazzjoni minn mal-konvenut *stante* li qed tallega li l-istess konvenut abbanduna lilha u lil binha, Daniel, f’Jannar 1993, u dan peress li l-istess konvenut mar jghix ma’ mara ohra fil-Germanja u minn dakinhar ma sar l-ebda kuntatt iehor bejniethom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici zzewget lill-konvenut fil-21 ta’ Ottubru 1989 meta hija kienet armla u gja kellha hamest itfal u fl-10 ta’ Mejju 1990 gew Malta u tixhed li fit-3 ta’ Jannar 1993 l-konvenut qalilha li kien hiereg ghal intervista ghal applikazzjoni ta’ xoghol. Izda l-konvenut ma giex lura u wara gimgha, l-Pulizija

informawha li l-istess konvenut kien siefer ma’ mara li kienet residenti l-Preluna Hotel. Wara kiteb darba u qalilha li kien telaq il-pajjiz u ma’ kienx gej lura. Wara xahrejn u nofs twieled l-istess tifel, Daniel. Dan huwa kkonfermat minn omm l-attrici Hilda Kitcher, ohta Shirley Roznowski, w uliedha, Calier u Marie Welsh.

Illi giet prodotta wkoll ix-xhieda ta’ l-Ispettur Abraham Zammit fejn ikkonferma li fit-3 ta’ Jannar 1993, l-attrici kienet ghamlet rapport l-Ghassa ta’ Rahal Gdid li zewgha, Christopher Hatto, kien nieqes mid-dar u mir-ricerki li kienet ghamlet sussegwentement, kien irrizulta li l-istess konvenut, kif qed tghid l-attrici, kien siefer minn Malta fit-3 ta’ Jannar 1993 u l-indirizz li kien ta ghal barra minn Malta kien il-Germanja, kif jidher mix-xhieda ta’ l-istess ufficjal moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Kenneth Gulia fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2004.

Illi minn dan kollu jirrrizulta li l-ewwel u t-tieni talba attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi it-tielet talba attrici qed tigi milqugha fis-sens li l-istess attrici u l-minuri ghandhom dritt ta’ manteniment *verso* l-konvenut izda peress li l-istess attrici ma gabet l-ebda prova dwar l-introjtu attwali tal-konvenut, l-istess manteniment ma jistax jigi likwidat, ghalkemm din il-Qorti tirrizerva lill-attrici ghaliha u ghan-nom tal-minuri, li tvanta l-istess dritt bi proceduri idonei jekk u meta jkun hemm prova dwar l-introjtu tal-konvenut.

Illi r-raba’ talba wkoll ghandha tigi milqugha b’dan li l-istess attrici, flimkien ma’ binha hija awtorizzata li tghix fid-dar taz-zwieg numru 73, Triq il-Gdida, Rahal Gdid, u dan ad eskluzjoni tal-konvenut, u l-istess kera tad-dar ghandha tghajjat esklussivament lill-attrici, b’dan li l-konvenut ma’ ghandu l-ebda dritt fuq l-istess.
Illi din il-Qorti, b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (c)** kontra l-konvenut u dan b’effett mit-3 ta’ Jannar 1993, tassenja lill-attrici s-sufan, *wall unit* u *corner* bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, u wkoll b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 45 (6)** u *in vista* tal-fatt li l-istess konvenut mis-sena 1993 qatt ma hallas l-ebda

manteniment lill-attrici (u lanqas lil binha) u wkoll meta jirrizulta li l-konvenut qabel ma telaq in Malta halla kont ta' elf u disa` mitt lira Maltija (Lm1,900) mal-Maltacom p.l.c. din il-Qorti tordna li l-istess dejn mas-socjeta' Maltacom p.l.c. jibqa' a karigu esklussiv ta' l-istess konvenut assenti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi, Rita u Christopher Hatto, minhabba adulterju, abbandun u mohqrija minn naha ta' Christopher Hatto u billi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri, Daniel, f'idejn l-attrici;

3. Tiddikjara li l-istess attrici, *proprio et nomine,* ghandhom dritt li jezigu l-hlas ta' manteniment minghand il-konvenut, izda peress li ma gew prodotti l-ebda provi dwar l-introjtu ta' l-stess konvenut, l-istess retta alimentari ma tistax tigi ffissata minn din il-Qorti f'dan il-gudizzju.

4. Tawtorizza lill-attrici flimkien ma' binha, Daniel, biss – ad eskluzjoni ta' zewgha f'kaz li jigi lura – li tibqa' tghix fid-dar taz-zwieg 73, Triq il-Gdida, Rahal Gdid.

5. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u zewgha u dan b'effett mit-3 ta' Jannar 1993 u b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (c)** kontra l-konvenut, ukoll b'effett mit-3 ta' Jannar 1993, tassenja lill-attrici l-kera tal-fond 73, Triq il-Gdida, Rahal Gdid, s-sufan, *wall unit* u *corner* bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u wkoll b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 45 (6)** u *in vista* tal-fatt li l-istess konvenut mis-sena 1993 qatt ma hallas l-ebda manteniment lill-attrici (u lanqas lil binha) u wkoll peress li jirrizulta li l-konvenut qabel ma telaq in Malta halla kont ta'

elf u disa` mitt lira Maltija (Lm1,900) mal-Maltacom p.l.c., u dan principarjament kien utilizzat minnu, din il-Qorti tordna li l-istess dejn mas-socjeta' Maltacom p.l.c. jibqa' a karigu esklussiv ta' l-istess konvenut assenti.

6. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto* kontra l-konvenut, Christopher Hatto.

7. Tawtorizza lill-attrici sabiex a tenur ta' **l-artikolu 62 tal-Kap 16** tirriverti ghal kunjom *"Kitcher".*

Bl-ispejjez kontra l-konvenut assenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------